# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Annunziata Magro**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Annunziata Magro**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 134668M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli fil-21 ta' Mejju 2015 għall-ħabta tad-21:30 f'dawn il-Gżejjer permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex tagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, heddet li takkuża jew li tagħmel ilment kontra, jew biex timmalafama lil Stephanie Carabott jew xi persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawża, id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ, iż-żewġt elementi ta' prova importanti kienu jikkonsistu fix-xiehda ta' Stephanie Carabott kif ukoll kopja ta' recording ta' telefonata li kienet ġiet skambjata bejn ċerta Mary Nomoko u l-imputata u li kienet ġiet reġistrata mill-istess Stephanie Carabott bil-mobile phone tagħha stess. Mix-xiehda ta' Stephanie Carabott kif ukoll mix-xiehda tal-imputata jirriżulta ċar li hemm element ta' animożita bejniethom u bejn l-imputata Mary Nomoko. Stephanie Carabott tixhed ċar li hija kienet preżenti għal din it-telefonata u li hija kienet saħansitra irreġistrat il-kontenut tal-istess telefonata bl-iPhone tagħha stess. Carabott tikkonferma dak li hija semgħet kemm lil Nomoko kif ukoll lill-imputata jitkelmu. Dak li pero Carabott dejjaqha matul il-kors ta' din it-telefonata kien il-kliem tal-imputata li għajritha li kienet mejta bil-ġuħ kif ukoll li kienet tieħu d-droga. Carabott ħassitha inġurjata u malafamata b'dak li stqarret l-imputata. Din ix-xhud eżibiet ukoll it-telefonata li rreġistrat bil-mobile phone tagħha.

Din it-telefonata bejn Mary Nomoko u l-imputata kienet imqanqla ħafna u fiha ġew użati ħafna *parole al veleno* bejn l-imputata u Mary Nomoko. Il-kontenut ta' din it-telefonata ġie mismugħ kollu fil-Qorti bil-miftuh fil-preżenza tal-imputata u Stephanie Carabott; u kemm it-telefonata kif ukoll il-kontenut tagħha ġew ukoll ikkonfermati mill-imputata stess fil-kors tax-xiehda tagħha. L-imputata għarfet lilha nnifisha fil-konversazzjoni telefonika u stqarret li tiftakar u li kkonfermat li kien intqal dak il-kliem li kien instemgħa fil-konversazzjoni telefonika.

Jirriżulta li l-imputata kienet ħalliet xi messaġġ ma ċertu Toni biex Mary Nomoko ċċemplilha lura. L-imputata kienet qegħdha tippretendi li Mary Nomoko kellha ttiha xi tliet mitt euro. Mill-kors tal-provi ma ħariġx sew dawn il-flus għaliex kienu allegatament dovuti jitħalsu minn Nomoko lill-imputata.

Mary Nomoko, fil-preżenza ta' Stephanie Carabott ċemplet lill-imputata u matul il-kors ta' din il-konversazzjoni ripetutament ċaħdet li kellha tagħti xi flus lill-imputata; anzi hija sostniet li apparti li lill-imputata ma kellhiex ittiha flus, l-imputata ma kellhiex provi li kellha ttiha xi flus, anke peress li ma kien hemm ebda karta li turi li l-imputata kienet tagħtha xi flus. Inoltre, Nomoko sostniet li kienet l-imputata li kellha ttiha xi flus għal kemm kienet damet taħdem mal-imputata. S'hemmhekk ma kien hemm xejn ċensurabbli. Kulħadd għandu jedd li jitlob li jieħu flusu lura u li jirsisti biex jitħallas dak li jkun dovut lilu, dment li verament dan ikun dovut.

Biss meta Nomoko ċaħdet ripetutament li kellha tagħti flus lill-imputata hija kjarament bdiet tkellem lill-imputata b'ton ta' sfida. Minn hawnhekk it-telefonata ddeġenerat u ssegwi konversazzjoni ta' madwar ħmistax il-minuta ta' tgħajjir, abbuż u inġurji varji, kliem u espressjonijiet oxxeni u allegazzjonijiet - uħud saħansitra b'dettalji pornografiċi u oħrajn anqas oxxeni – u li kienu jinvolvu mhux biss lil

Mary Nomoko, l-imputata u l-partijiet l-aktar intimi tagħhom, iżda wkoll diversi familjari, qraba, ħbieb u konoxxenti komuni bejn il-partijiet. Fi ftit kliem telefonata tal-mistħija.

Issa din il-Qorti hija mitluba tiddeċiedi jekk l-aġir tal-imputata fil-kors ta' din il-konversazzjonijiet kienx jintegra r-reat imsemmi fl-Artikolu 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jippreskrivi li

> **49.** Kull min permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –
>
> (*b*) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

Issa f'dan il-każ ir-reat li ġie ipotizzat ma kienx dak tal-inġurja imsemmi fl-Artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali jew dak kontravvenzjonali imsemmi fl-Artikolu 339(1)(e) tal-istess Kodiċi. Iżda l-Prosekuzzjoni għażlet li taddebita dan ir-reat speċjali u aktar kompless minn dak imsemmi fil-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex l-elementi tar-reat kontestat huma differenti u aktar onerużi.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat l-involviment mhux biss ta' Stephanie Carabott iżda wkoll dak ta' Mary Nomoko – u dan anke jekk Nomoko ma xehditx – u dan għaliex kemm Carabott kif ukoll l-imputata jikkonfermaw li l-konversazzjoni li saret kienet tinvolvi lil Nomoko u t-tnejn li huma kkonfermaw il-kliem li semgħu lil Nomoko tgħid fil-preżenza tagħhom. Għalhekk is-suġġett passiv tal-azzjoni ta' theddid

jew malafama ipotizzata fir-reat de quo tista tirriżulta kemm fil-konfront ta' Nomoko kif ukoll fil-konfront ta' Carabott u vice versa.

Ma hemmx dubju li l-element tal-*medium* meħtieġ u wżat ġie pruvat u soddisfatt. L-imputata użat network u apparat ta' komunikazzjoni elettronika u l-konversazzjoni seħħet tramite dan il-*medium*. L-anqas ma hemm dubju li l-kliem li l-imputata qalet fil-konfront ta' Stephanie Carabott huwa wieħed ta' natura inġurjuża u klassifikabbli bħala malafamanti. L-espressjonijiet użati mill-imputata kontra Carabott kienu ċari u l-animus injuriandi joħroġ ċar kristall – anke jekk intqal f'kuntest ta' reazzjoni immedjata mill-imputata għall-fatti niggieża mistqarra preċedentement minn Nomoko fir-rigward ta' dak li kien ir-raġel tal-imputat li milli jidher issa qiegħed f'relazzjoni amoruża ma' Carabott.

Din il-Qorti tqis li din il-konversazzjoni telefonika kien fiha diversi episodji u sfumaturi u żgur ma kienetx xi konversazzjoni linejari. Anzi Nomoko u l-imputata qalbu s-suġġett u tkelmu fuq nies u ċirkostanzi differenti qalb kantiku ta' tgħajjir u oxxenitajiet varji. Għalkemm l-iskop ewlieni u oriġinali tat-telefonata jidher li kien biex l-imputata titlob lil Nomoko tħallasha t-tliet mitt euro li kienet tippretendi minnha, sussegwentement, anke grazzi għall-inċitament ta' Nomoko jirriżultaw li daħlu fix-xena diversi episodji oħra mill-ħajja tal-imputata u Nomoko li ma kellhomx x'jaqsmu mal-imsemmija tliet mitt euro – iżda li kellhom

x'jaqsmu aktar mal-ħajjiet personali taż-żewġt persuni – uħud minnhom ferm intimi u oħrajn anqas.

Fost affarijiet oħra Nomoko u l-imputata jinstemgħu jitkelmu fuq l-irġiel rispettivi tagħhom (jew li qegħdin magħhom) kif ukoll fuq it-tfal tagħhom. Naturalment id-doża ta' velenu bejniethom kienet kostanti u ininterrotta. It-ton u l-kontenut niggieżi użat kontinwament minn Nomoko joħroġ ċar u jirrifletti wkoll kemm din il-mara, konsapevoli tal-fatt li Carabott kienet qegħda tirreġistra l-konversazzjoni bl-iPhone tagħha, kienet qegħda wkoll tonsob lill-imputata billi titfagħla l-lixka magħmula minn diversi botti, insinwazzjonijiet u allegazzjonijiet f'tentattiv li tinstiga lill-imputata tkompli tirrejaġixxi. Biss jirriżulta li l-imputata abbokkat għall-istess liska u ma ndunatx li kienet qegħda tiġi milgħuba minn Nomoko.

L-istqarrijiet li l-imputata għamlet fil-konfront ta' Stephanie Carabott kienu lejn l-aħħar tal-konversazzjoni telefonika bejn Nomoko u l-imputata u saru f'kuntest fejn f'dak il-punt ma kienux għadhom daqstant qegħdin jitmasħnu fuq il-flus allegatament dovuti jew mhux dovuti jitħalsu minn Nomoko lill-imputata; daqskemm fuq il-mod ta' kif dak li kien ir-raġel tal-imputata kien qiegħed jiġi trattat mill-mara li kien jinsab magħha fil-preżent – u li milli jidher kienet Stephanie Carabott. Għall-insinwazzjoni magħmula minn Nomoko lill-imputata fil-konfront ta' żewġt l-imputata li skont Nomoko "għaliha mhux gustuż iżda għal

ma min qiegħed gustuż ... forsi għall-mara li għandu mhux talli gustuż ... tixtrilu l-Alla”, hemmhekk l-imputata – evidentement urtata u kontrarjata b'dak il-kliem mistqarr minn Nomoko tgħid li dik il-mara “mejta bil-ġuħ kienet” u “tittaqqab”.

Il-Qorti għalkemm tqis li dan il-kliem huwa inġurjuż u malafamanti fil-konfront ta' Stephanie Carabott. Iżda l-istess kliem mistqarr f'dak il-kuntest u f'dak l-istadju tat-telefonata twila, qajla jista' jiġi marbut mal-elementi preċedenti tar-reat u ċjoe li dan intqal “bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa”.

Għall-kuntrarju dan il-kliem malafamanti fil-konfront ta' Stephanie Carabott intqal f'kuntest differenti fejn l-intenzjoni ta' Nomoko tidher li kienet li tkompli tipprovoka reazzjoni mill-imputata fil-konfront ta' dik il-mara li kienet ħaditilha l-żewġha, jew li almenu fil-preżent żewġha kellha relazzjoni miegħu. Jirriżulta mill-provi li Carabott u l-imputata ma kienux jitkelmu.

F'dan l-isfond, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputata ħatja tar-reat ta' inġurja fil-konfront ta' Stephanie Carabott għaliex dan ma ġiex kontestat lilha; filwaqt li ma tistax issibha ħatja tar-reat skont l-Artikolu 49(b) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex l-elementi tar-reat de quo ma ġewx soddisfaċentement ippruvati fil-konfront tal-istess Stephanie Carabott.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha (u widnejha) għall-fatt li matul il-kors tal-konversazzjoni, anke jekk konfrontata bit-ton ta' sfida u kliem niggieżi u velenuż ta' Mary Nomoko, l-imputata qabżet il-limiti permissibbli għalbiex persuna titlob leġittimament il-ħlas ta' flus dovuti lilha – u dan il-limitu qabżitu fil-konfront ta' Nomoko.

Fil-bidu tal-konversazzjoni telefonika, l-imputata ma qalet xejn ċensurabbli meta talbet flusha lil Nomoko. L-anqas Nomoko ma qabżet il-limitu meta bdiet tiċħad li hija kellha ttiha l-flus, minkejja t-ton evidentement ta' sfida meta tgħidilha li ma kellhiex karti x'turi.

Il-limiti bdew jinqabżu meta b'reazzjoni għall-asserzjoni penalment inċensurabbli ta' Nomoko li l-imputata ma kellhiex karti x'turi, l-imputata għamlet il-qabża fil-kwalita meta bdiet thedded lil Nomoko li kienet sejra "mmur nitkellem fejn għandi nitkellem ... il-Labour Office" u li "mmurlek fejn għandi mmurlek...il-Labour Office".

Kien minn hawnhekk li l-livell tal-konversazzjoni ħadet majnata l-isfel. Hawnhekk l-imputata ma rriflettitx il-ħsieb li hija tieħu l-passi legali okkorrendo bil-Qorti jew proċess legali ieħor biex hija tieħu flusha lura mingħand Nomoko iżda minn dak il-ħin il-quddiem il-kliem, it-ton u l-mod kif dan ġie mlissen jirriżulta li kien intiż li jkun jinftiehem minn Nomoko bħala forma ta' theddid lejn Nomoko fis-sens li l-imputata kienet sejra takkuża jew tagħmel ilment kontra ta' Nomoko u dan bil-

ħsieb li hija tieħu flusha lura mingħand Nomoko. Dawn l-istqarrijiet ġew mifhuma minn Nomoko fis-sinjifikat u fit-tifsira sħiħa minaċċjuża tagħhom tant li minn dak il-ħin il-quddiem Nomoko rreaġixxiet billi żiedet fid-doża tal-kliem iebes u velenuż b'mod li hija issa bdiet thedded lill-imputata li kienet sejra tirraportaha l-Appoġġ fuq allegat każ ta' abbuż fil-konfront tal-minuri bintha – li jekk verament jirriżultaw li jkunu seħħew quddiem tifla minuri ikunu verament aggjaċċjanti.

F'dan il-kuntest, l-imputata kellha tkun aktar attenta bil-mod kif titkellem u tesprimi ruħha. Sa dak il-punt Nomoko kienet għadha biss tgħidilha li ma kellhiex ittiha l-flus u li anzi kienet l-imputata li kellha ttiha l-flus. Għalkemm hija setgħa kellha raġun li titlob lil Nomoko tħallasha flusha, ma setgħetx titlob li titħallas ta' flusha billi t-talba żżidilha magħha l-mod li jekk ma tħallasx hija kienet sejra tirraporta, tilmenta jew takkuża lil Nomoko "fejn kellha tmur" ossija l-Labour Office. Dan il-fattur tal-Labour Office u l-mod aggressiv li bih Nomoko laqgħet għalih juri li din kienet minaċċja serja għal Nomoko, anke jekk din tipprova tibblaffja u tgħid li l-imputata setgħet tmur fejn trid. Ir-reazzjoni ta' Nomoko li thedded li tirraporta lill-imputata l-Appoġġ u li kienet ser iċċaħdilha l-bintha kienet reazzjoni sproporzjonata għal min ma kellux x'jibża minn rapport lill-Labour Office.

Apparti minn hekk jirriżultaw ukoll episodji oħra fejn l-imputata tgħid kliem evidentement inġurjuż fil-konfront ta' Mary Nomoko u li jirriżulta

mill-istess konversazzjoni u dan ukoll fil-kuntest tat-talbiet ta' flus bejniethom u fejn din il-Qorti mhix ser toqgħod tirrepeti hawnhekk b'rispett għad-diċenza ta' min qed jisma' jew jaqra din is-sentenza.

Din il-Qorti tiddeplora l-kliem u l-aġir tal-imputata. Iżda fil-kontemp ma tistax ma tiddelporax ukoll il-kliem u l-aġir ta' Mary Nomoko kif jirriżultaw mill-istess telefonata reġistrata f'dan il-każ u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija wkoll sabiex bħal ma investiga lill-imputata, jinvestiga ukoll lil Mary Nomoko u lil persuni oħra relatati ma dan il-każ u jekk iħoss opportun jipproċedi skont il-Liġi.

## ***Decide***

Li għar-raġunijiet premessi il-Qorti wara li rat l-Artikolu 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputata Annunziata Magro ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ tikkundannaha għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500).

***Mogħtija illum it-23 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***